MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2007

Numru 3477/1996/1

**Mekanika Limited**

**Vs**

**Masco Security Services Ltd**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-12 ta’ Dicembru 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` attrici dahlet f' Mechanical and Electrical Engineering Contract ma’ Villa Messina Limited in konnessjoni mal-progett ta’ Villa Messina, ir-Rabat, Malta;

Premess illi parti minn dan il-kuntratt kien jikkonsisti fl-installazzjoni ta' Nurse Call System fl-istess Villa Messina;

Premess illi s-socjeta` attrici dahlet f' kuntratt mas-socjeta konvenuta in konnessjoni mal-kuntratt imsemmi sabiex l-istess socjeta` konvenuta tissupplixxi u tinstalla Nurse Call System skond l-ispecifikazzjonijiet teknici u l-Bill of Quantities relattivi;

Premess illi s-socjeta` konvenuta naqset mill-obbligi taghha taht l-istess kuntratt u ssupplixxiet u installat Nurse Call System mhux konformi ma' l-istess specifikazzjonijiet teknici u Bill of Quantities;

Premess illi bhala rizultat ta' dan in-nuqqas, is-socjeta` attrici soffriet danni li, altrimenti, ma kienitx issofri.

Talbet ghar-ragunijiet premessi s-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala rizultat tan-nuqqas tas-socjeta` konvenuta illi ssuplixxiet u installat Nurse Call System f' Villa Messina, ir-Rabat, Malta, mhux konformi ma' l-ispecifikazzjonijiet teknici u Bill of Quantities;

2. Tillikwida l-imsemmi danni okkorrendo permezz tan-nomina ta' perit jew periti;

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas d-danni likwidati lis-socjeta` attrici;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta,ipprezentata fis-7 ta' Lulju 1997 u li permezz taghha eccepiet:-

Illi talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu respinti;

Illi fit-tieni lok l-esponenti ma kellu x' jaqsam xejn mal-kuntratt li sar bejn l-attur u Villa Messina Ltd u dan ghalih huwa *res inter alios acta*;

Bejn l-attur u l-eccipjent kien sar ftehim *ad hoc* u a bazi ta' dan il-ftehim l-esponenti biegh u ssuplixxa materjal konformi ma dak li gie ordnat li kien ukoll konformi mas-samples li gew mghoddija lill-attur qabel ma kkonferma l-bejgh permezz ta' diversi purchase Orders;

L-attur *nomine* xtara diversi oggetti mibjugha, wahhalhom fil-post u kien biss wara xi sitt xhur li beda jilmenta. L-oggetti mibjugha ma gewx depositati l-Qorti. Illi ghalhekk l-azzjoni hija intempestiva;

Illi wara li qam l-ilment l-esponenti, minghajr pregudizzju, ipprova jasal fi ftehim izda wara irrizulta li l-attur ried sistema gdida li hija totalment differenti ibbazata fuq sistema digitali u li tiswa mad-doppju tan-nurse call system li xtara minghand l-esponenti;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta;

Rat illi s-socjeta` konvenuta pprevaliet ruhha minn dina n-nota ta' l-eccezzjonijiet u pprezentat kontra talba:-

U hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neccessarji u moghtija l-provedimenti opportuni:

Premess illi s-socjeta` attrici kienet xtrat minghand s-socjeta` konvenuta diversi oggetti mobbli relatati ma' nurse call system li s-socjeta` attrici riedet taghmel fil-Villa Messina, Rabat;

Premess illi ghar-rigward ta' dak li gie ordnat inhargu erba' invoices u li minnhom is-socjeta` attrici halset depositu, u

ghad fadal bilanc ta’ Lm4,559.90 skond kif jirrizulta mill-erba’ invoices Dokumenti A, B, C u D;

Premess illi l-attur interpellat diversi drabi biex jhallas baqa’ inadempjenti;

Ghaldaqstant talbet is-socjeta` konvenuta lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1) Tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lill-konvenut is-somma ta’ Lm4,559.90 ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut (sic) u bl-imghaxijiet mid-data rispettiva ta’ kull konsenja;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` konvenuta, il-lista tax-xhieda indikati u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici rikonvenzjonata li fiha gie eccepit:-

1. Illi l-kontro-talbiet ta' Masco Security Services Ltd. huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti, stante illi s-socjeta` konvenuta naqset mill-obbligu taghha taht il-kuntratt mas-socjeta` ecceppenti fejn intrabtet illi tissupplixxi "Nurse Call System" skond l-ispecifikazzjonijiet teknici u l-"Bill of Quantities" relattivi;

2. Illi s-socjeta` konvenuta naqset mill-obbligi taghha taht l-imsemmi kuntratt minhabba illi ssupplixxiet "Nurse Call System" mhux konformi ma’ l-istess specifikazzjonijiet teknici u "Bill of Quantities";

3. Illi bhala rizultat ta' dan in-nuqqas, is-socjeta` attrici soffriet danni li, altrimenti, ma kienitx issofri; liema danni u l-likwidazzjoni taghhom jikkostitwixxu l-mertu tac-citazzjoni tas-socjeta` eccepjenti kontra s-socjeta` konvenuta;

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota guramentata tas-socjeta` attrici flimkien mal-lista tax-xhieda indikati;

Rat id-digriet tad-29 ta’ Ottubru 2002 li permezz tieghu gew nominati bhala esperti gudizzjarji Victor Bonello u l-avukat Dr. Mark Chetcuti sabiex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-esperti nominati li tinsab a fol 223 *et sequitur* tal-process u li giet minnhom debitament konfermata fis-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2006;

Rat l-affidivats u d-dokumenti pprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda migbura;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-kontendenti kif ukoll in-nota ta’ kritika tas-socjeta` attrici pprezentata fis-17 ta’ Novembru 2006 u dik responsiva tas-socjeta` konvenuta ntavolata fl-14 ta’ Frar, 2007;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

L-istanza proposta mis-socjeta` attrici hi wahda tendenti ghar-rizarciment tad-danni fuq il-presuppost illi n-Nurse Call System fornita u installata mis-socjeta` konvenuta ma kienetx konformi ghall-ispecifikazzjonijiet teknici maqbula. Kontra din il-pretensjoni s-socjeta` konvenuta tiddifendi ruhha bl-eccezzjoni generali illi t-talbiet proposti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. Fl-ispecifiku, illi l-oggetti mibjugha ma gewx depozitati l-Qorti u ghalhekk l-azzjoni kellha titqies intempestiva. L-istess socjeta` konvenuta, imbaghad, inqdiet b’ din il-procedura biex tressaq il-kontro

talba taghha ghall-kundanna ghall-hlas tas-somma bilancjali lilha dovuta ghall-fornitura ta' l-oggetti venduti;

Sitt snin fuq li kienet giet intavolata l-kawza l-Qorti, diversament presjeduta, innominat espert tekniku u iehor legali biex jassistuha bl-opinjonijiet taghhom. Fil-perizja kongunta taghhom (fol. 223) huma ikkonkludew kif gej:-

(i) Minn kif koncepita l-azzjoni kien jonqos fiha wiehed mill-elementi essenzjali ghal konfigurazzjoni tar-rimedju, f' kaz ta' vendita, bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita` miftehma fl-oggett konsenjat;

(ii) Is-socjeta` attrici ma mmanifestatx l-intenzjoni taghha fil-fazi pre-processwali illi hi kienet qed tirrifjuta l-oggett mibjugh, tant li zammitu u ghamlet uzu minnu;

(iii) Dawn in-nuqqasijiet ta' l-istess socjeta` attrici ppregudikaw irremedjabilment il-posizzjoni legali taghha u, konsegwentement, l-azzjoni taghha "mhux biss hi intempestiva kif eccepit mis-socjeta` konvenuta izda inammissibbli";

(iv) It-talba rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-bilanc domandat ghandha tintlaqa';

Is-socjeta` attrici tikkritika l-perizja bid-denunzja illi l-konkluzjoni espressa f' punt (iii) hawn fuq tammonta ghall-vizzju ta' ultra petizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta. Hi ssostni dan bl-argument illi s-socjeta` konvenuta ma ssollevat ebda opposizzjoni ta' l-inammissibilita` ta' l-azzjoni izda merament l-intempestivita` taghha, u la dan huwa hekk, il-periti ma setghux jissollevawha *ex officio*. Ir-rejazzjoni tas-socjeta` konvenuta ghal din il-kritika hi fis-sens illi l-eccezzjoni taghha illi t-talbiet ma ghandhomx jigu akkolti ghaliex is-socjeta` attrici zammet ghandha l-oggetti mibjugha u lanqas iddepozitathom, kienet sostanzjalment tekwipara ghall-konkluzjoni tal-periti gudizzjarji;

Hu bil-wisq evidenti mill-kontenut tal-perizja illi l-opinjoni espressa fiha hi wahda esklussivament ta' indoli legali u fiha ma nsibu ebda konstatazzjoni fuq il-punt tekniku. In kwantu tali din ma tistax tikkwalifika ruhha bhala "prova" li trid tigi konsiderata flimkien ma' provi ohra istruttorji, izda, kif osservat, "kienet perizja legali fejn il-funzjoni tal-perit kienet dik li jigbor il-provi mressqin mill-partijiet u mbaghad jirrelata fuqhom u jissottometti l-parir tieghu fuq il-kwestjoni legali sottomessa mill-partijiet ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti." ("**Paolo Calleja -vs- Luigi Vella**", Appell Kummercjali, 15 ta' Gunju 1964);

Dan premess, il-Qorti ma tistax in linea ta' principju ma tassekondax dak sottomess mis-socjeta` attrici, fuq l-istregwa tad-diversi sentenzi minnha citati ("**Gatt -vs- Galea**", Appell Civili, 12 ta' Lulju 1965 u "**Grech -vs- Saglimbene**", Appell Civili, 9 ta' April 1992, fost ohrajn), illi l-Qorti (u allura wkoll il-periti gudizzjarji minnha nominati) ma tistax temetti gudizzju fuq xi haga mhix rikjesta jew difiza mhix opposta ghax allura jigi li l-gudikant ikun qed jindahal fil-poter dispositiv tal-partijiet billi jaltera jew izid elementi mal-*petitum* u l-*causa petendi* ta' l-azzjoni, jew mad-difiza ghaliha, u b' hekk jattribwixxi jew jinnega, skond il-kaz, lil xi wiehed mill-partijiet oggett divers minn dak rikjest jew kompriz fid-domanda jew fl-eccezzjoni. Dan, ammenokke, ma jkunx jitratta minn kwestjoni ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva *ex officio*. Ara "**Cacciottolo *utrinque***", Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976;

Maghdud dan, tajjeb li wiehed izomm *di vista* u fil-perspettiva logika illi l-precitat principju ma jimpedix lill-gudikant milli japproda b' mod awtonomu ghall-pronunzjament fuq l-istregwa tar-rizultanzi istruttorji u fir-rispett ta' dak li jkun gie lilu prospettat mill-partijiet, jew in bazi ghall-applikazzjoni ta' provvediment tal-ligi divers minn dak invokat. Hu, anzi, liberu li jidentifika n-natura ezatta ta' l-azzjoni, ilibbisha l-veste guridika li tapplika

ghaliha u li jirrileva, anke independentement mill-inizzjattiva tal-konvenut, il-mankanza ta' dawk l-elementi li jikkaratterizzaw l-effikacja kostitutiva tal-pretensjoni. Dan hu anzi fid-dmir tieghu li jaghmlu, basta, s' intendi, izomm ruhu fil-konfini ta' l-applikazzjoni ezatta tal-principju tal-ligi ghall-kaz. Hi enuncjazzjoni valida dak ritenut mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili, illi, filwaqt li ppuntwalizzat il-punt illi fl-ghoti tas-sentenza l-Qorti hi strettament marbuta bit-termini ta' l-azzjoni (u wkoll ta' l-eccezzjoni) u ma tistax tohrog il-barra jew tmur aktar il-boghod minnhom, l-istess Qorti kienet fl-obbligu li tiddefinixxi l-azzjoni esperita u jekk jinstab li din ma kienetx hekk sostenuta mir-rizultanzi processwali, tghaddi biex tichadha. Ara "**Vincenzo Grech *et* -vs- Grazia Briffa**", 21 ta' Frar 1958;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet preliminari, is-socjeta` attrici ticcensura lill-periti gudizzjarji fejn dawn iddikjaraw illi l-azzjoni taghha kienet inammissibbli meta eccezzjoni bhal din ma tressqetx mill-kontroparti fil-kontradittorju ta' l-istess azzjoni. Hi ghalhekk tikkontendi li dawn l-istess periti marru oltre l-limiti ta' l-eccezzjonijiet sottomessi mill-kumpanija konvenuta;

Fuq din il-kwestjoni din il-Qorti, ugwalment bhas-socjeta` attrici, ma tistax ma tissenjalax illi tezisti distinzjoni markata bejn "<u>intempestivita`</u>" u "<u>inammissibilita`</u>". Ta' l-ewwel hi x' aktarx marbuta ma' qaghda fejn l-azzjoni ssir *ante tempus* u z-zmien jkun ghadu ma mmaturax. Ad. Ezempju, talba ghal hlas ta' skadenza ta' kera li ghadha ma ghalqetx. Tista' wkoll tkun applikabbli fil-kaz ta' talba ghall-hlas, kif inhu frekwenti fl-azzjonijiet li jsiru mill-appaltaturi ghall-hlas ta' l-opra minnhom ezegwita u meta jkun verifikat illi l-appalt taghhom ma jkunx gie ezegwit sewwa u skond l-arti u s-sengha, jew ghal kaz li x-xoghlijiet ikunu ghadhom inkompleti. Ara **Kollez. Vol. XLVII P I p 650**. Invece, ikun hemm deklaratorja ta' inammissibilita` meta tavvera sitwazzjoni x' aktarx marbuta mar-rit procedurali jew ma' xi fatt estintiv tal-process. Ad ezempju, fejn appell minn certi digrieti mhux akkonsentit f' certu stadju, jew ghal kaz ta' appell minn

sentenzi ta' certi Tribunali fejn mhux akkordat dritt ta' appell minn punt ta' fatt jew ukoll meta att ikun gie introdott tardivament. Sitwazzjonijiet dawn li huma lkoll rilevabbli mill-Qorti, anke *ex officio* u jincidu kawza ta' inammissibilita` ta' l-att;

In bazi ghal dak li nghad, hu forsi l-kaz li l-uzu tal-kelma "inammissibbli" mill-periti gudizzjarji hi wahda mproprja fil-kuntest tal-kwalifikazzjoni tar-rapport kontrattwali sostanzjali bejn il-partijiet, dawk ta' l-effetti tieghu, u tal-proponiment tat-talbiet bl-azzjoni sperimentata. Mill-banda l-ohra, wiehed m' ghandux jattribwixxi lill-kelma, kif adoperata mill-periti, dik ir-rigorozita` zejda fl-impjieg tal-valur tekniku-guridiku taghha bl-intendiment li l-attribuzzjoni sservi ghas-sostenn ta' l-affermazzjoni illi allura l-periti gudizzjarji oltrepassaw il-limitu ta' l-opposizzjoni tal-kontro-parti ghall-azzjoni intentata, meta dan ma huwiex hekk il-kaz;

Fil-kumpless, il-Qorti hi sodisfatta illi ghall-kwestjoni espressament formulata mis-socjeta` attrici l-periti nominati rricerkaw u applikaw korrettement il-principji guridici ghall-fattispeci konkreti sottoposti ghall-perizja taghhom, anke jekk l-uzu ta' certi kliem jew espressjonijiet jistghu talvolta jitqiesu infelici u inapproprijata. Dejjem, fil-fehma tal-Qorti, huma interpretaw sew kemm id-domanda bazika tas-socjeta` attrici kif ukoll l-eccezzjoni sostanzjali tas-socjeta` konvenuta, anke jekk din setghet kienet aktar cara u diretta. Dan hu dezumibbli anke mill-mod kif gew kaptati minnhom il-fatti komplessivi tal-vicenda processwali, komprizi l-precizazzjonijiet lilhom sottomessi mill-partijiet fil-kors tal-perizja bin-Noti rispettivi taghhom;

Fil-verita, fuq ir-ri-ezami taghha ta' l-atti, din il-Qorti ma tarax kif il-periti setghu jattribwixxu kwalifikazzjoni guridika diversa ghall-fatti u ghar-rapporti dedotti fil-kawza minn dik li waslu ghaliha fl-ottika ta' l-azzjoni ezercitata, hekk tendenti ghar-rizarciment tad-danni. Proprju in tema, hi gurisprudenza wisq pacifika illi jekk xerrej ikun irid jehles

mir-rabta kontrattwali, meta jinstab li l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalita` mweghda, hu hekk jirrifjutah, jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-Awtorita` tal-Qorti. Naturalment seta' kieku ried skond l-Artikolu 1390 Kodici Civili, jaghzel li jaccettah jew izommu u jhallas prezz ridott ghalih fuq stima ta' perit. Jekk hu jonqos li jsegwi xi wahda minn dawn l-opzjonijiet u ma jirreagixxix skond kif trid il-ligi, huwa jkun qieghed irremedjabilment jippregudika l-pozizzjoni tieghu. Ara d-decizjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-31 ta' Jannar 2003 in re: "**Paul Galea *nomine* -vs- Carmel Galea**", u s-sentenzi kopjuzi fiha kompendjati;

Issa hu veru li la l-konvenut u lanqas il-Qorti ma tista' tindahal fix-xorta ta' azzjoni proposta. Daqstant iehor pero` hu veru wkoll illi jekk jinstab li fl-azzjoni maghzula ma jirrikorrux ir-rekwiziti mehtiega skond il-ligi, jew li dik l-azzjoni ma setghetx tigi eskogitata in sostituzzjoni tar-rimedji espressament rizervati fil-kaz ta' vendita, lix-xerrej mil-ligi, allura hu l-kaz li dik l-azzjoni, aktar milli intempestiva jew inammissibbli, ma kienetx permissibbli;

Kollox ma' kollox, in vista ta' l-osservazzjonijiet maghmula, din il-Qorti ma ssibx li l-periti gudizzjarji nkorrew fil-vizzju lamentat u ma qaghdux fil-limiti tal-kontestazzjoni u tal-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet. Lanqas ma ssib li r-ragunamenti li fuqhom hu bazat ir-rapport peritali jistghu jitqiesu difettuzi;

Finalment, la lill-Qorti jirrizultalha wkoll illi l-ammont mitlub bil-kontro talba mis-socjeta` konvenuta, ma giex kwerelat, fic-cirkustanzi tikkonkorda wkoll ma' l-esperti taghha illi dan hu dovut.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza, billi bl-adoperu tal-perizja, tichad l-istanza tas-socjeta` attrici kif minnha proposta, bl-

ispejjez kontra taghha. Tilqa' invece il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta u b' hekk tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas l-istess socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti s-somma bilancjali mitluba ta' erbat elef hames mija disgha u hamsin lira Maltija u disghin centezmu (Lm4559.90) bl-interess kif rikjesti. L-ispejjez ta' din il-kontro-talba jitbatew similment mis-socjeta` attrici rikonvenzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------